



Stampa u informazzjoni

II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA n° 07/18
Il-Lussemburgo, 25 ta' Jannar 2018

Sentenza fil-Kawża C-498/16

Maximilian Schrems vs Facebook Ireland Limited

M. Schrems jista' jressaq azzjoni individwali kontra Facebook Ireland fl-Awstria

Min-naħħa l-oħra, bħala l-persuna li rċeviet it-trasferiment ta' drittijiet ta' konsumaturi oħra, huwa ma jistax jibbenfika mill-forum tal-konsumatur għall-finijiet ta' azzjoni kollettiva

Maximilian Schrems, residenti fl-Awstria, fittex lill-Facebook Ireland (iktar 'il quddiem "Facebook") quddiem il-qrati Awstrijaċi. Huwa jakkuża lill-Facebook bi ksur ta' diversi dispożizzjonijiet fil-qasam ta' protezzjoni tad-data b'rabta mal-kont Facebook privat tiegħu¹ u ma dawk ta' seba² utenti oħra li ttrasferewlu d-drittijiet tagħhom għal din l-azzjoni. Dawn l-utenti l-oħra huma wkoll konsumaturi u jirrisjedu fl-Awstria, fil-Ġermanja jew fl-Indja. M. Schrems jixtieq, fost l-oħrajn, li l-qrati Awstrijaċi jiddikjaraw invalidi ċerti klawżoli kuntrattwali u jikkundannaw lil Facebook, minn naħħa, sabiex tieqaf tuża d-data kontenjuža għall-iskopijiet rispettivi tagħha jew għal dawk ta' terzi u, min-naħħa l-oħra, għall-ħlas ta' danni.

Facebook tqis li l-qrati Awstrijaċi ma għandhomx ġurisdizzjoni internazzjonali. Skont Facebook, M. Schrems ma jistax jinvoka r-regola tal-Unjoni³ li tippermetti li l-konsumaturi jressqu lil sieħeb kontraenti barrani quddiem il-qrati tal-pajjiż fejn huma domiċiljati (iktar 'il quddiem il-“forum tal-konsumatur”). Fil-fatt, peress li juża Facebook ukoll għal finijiet professionali (b'mod partikolari permezz ta' paġna Facebook intiża sabiex tinforma dwar l-azzjonijiet tiegħu kontra Facebook⁴), M. Schrems ma jistax jitqies li huwa konsumatur. F'dak li jirrigwarda d-drittijiet ittrasferiti, Facebook issostni li l-forum tal-konsumatur ma huwiex applikabbli għalihom minħabba li dan il-forum ma huwiex trasferibbli.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstria) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom jista' jiġi invokat il-forum tal-konsumatur.

Permezz tas-sentenza ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li l-utent ta' kont Facebook privat ma jitlifx il-kwalità ta' “konsumatur” meta jippubblika kotba, jagħti konferenzi, jopera siti internet, jiġbor donazzjonijiet u jaċċetta t-trasferiment tad-drittijiet ta' diversi konsumaturi sabiex jinvokahom quddiem qorti.

Min-naħħa l-oħra, il-forum tal-konsumatur ma jistax jiġi invokat għall-azzjoni ta' konsumatur intiża sabiex jiġu invokati, fil-qrati tal-post fejn huwa domiċiljat, mhux biss id-drittijiet tiegħu, iżda wkoll drittijiet ittrasferiti minn konsumaturi oħra domiċiljati fl-istess Stat Membru, fi Stati Membri oħra jew fi Stati terzi.

¹ Mis-sena 2010, M. Schrems iddedika kont Facebook biss għall-attivitajiet privati tiegħu. Barra minn hekk, mis-sena 2011, huwa fet-ħażżeġ paġna Facebook sabiex i) jinforma lill-utenti tal-internet bl-azzjonijiet tiegħu kontra Facebook Ireland, dwar konferenzi mogħiġha minnu, dwar il-partċipazzjoni tiegħu f'dibattit u dwar l-interventi tiegħu fil-midja, ii) sabiex iniedi sejħiet għal-donazzjonijiet u iii) sabiex jirreklama l-kotba tiegħu.

² Barra minn hekk, M. Schrems irċieva t-trasferiment tad-drittijiet ta' iktar minn 25 000 ruħ minn madwar id-dinja kollha sabiex jiġu invokati quddiem qorti.

³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi fmaterji cивili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42, iktar 'il quddiem ir-Regolament Brussels I"). Skont dan ir-regolament, konvenut għandu bħala prinċipju jiġi mfitteż quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn huwa residenti jew fejn għandu s-sede tiegħu. Huwa biss f'każiċċiet elenkat b'mod limitat li huwa jista' jew għandu jiġi mfitteż quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor.

⁴ Ara n-nota 1.

F'dak li jirrigwarda I-klassifikazzjoni bħala konsumatur, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, bħala prinċipju, il-forum tal-konsumatur huwa applikabbi biss fis-sitwazzjoni fejn l-għan tal-kuntratt konkluż bejn il-partijiet ikun użu ieħor għajr wieħed professjonali tal-oġġett jew tas-servizz ikkonċernat. Peress li inkwistjoni hemm servizzi ta' netwerk soċjali diġitali li jista' jintuża għal żmien twil, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-iżvilupp sussegwenti tal-użu li jsir minn dawn is-servizzi.

Għalhekk, l-awtur ta' azzjoni ġudizzjarja, li juża tali servizzi, ikun jista' jinvoka l-kwalità ta' konsumatur biss jekk l-użu eszenzjalment mhux ta' natura professjonali ta' dawn is-servizzi, li għaliex kien inizjalment ikkonkluda kuntratt, ma kisibx, sussegwentement, natura eszenzjalment professjonali.

Min-naħħa l-oħra, peress li l-kunċett ta' "konsumatur" huwa ddefinit b'kuntrast ma dak ta' "operatur ekonomiku" u huwa indipendenti mill-għarfien u mill-informazzjoni konkreta li l-persuna kkonċernata jista' għandha realment, la l-għarfien espert li din il-persuna tista' tikseb fil-qasam li taħtu jaqqhu s-servizzi, u lanqas il-fatt li impenjat ruħha li tirrappreżenta d-drittijiet u l-interessi tal-utenti ta' dawn is-servizzi ma jneħħulha l-kwalità ta' "konsumatur". Fil-fatt, interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konsumatur" li teskludi tali attivitajiet twassal sabiex tiġi prekluża difiżza effettiva tad-drittijiet li l-konsumaturi għandhom fir-rigward tal-kontraenti professjonali tagħihom, inklużi dawk relatati mal-protezzjoni tad-data personali tagħihom.

F'dak li jirrigwarda d-drittijiet ittrasferiti, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-forum tal-konsumatur inħoloq sabiex il-konsumatur jiġi protett inkwantu parti għall-kuntratt inkwistjoni. Għalhekk, il-konsumatur huwa protett biss meta jkun personalment rikorrent jew konvenut fi proċedura. Konsegwentement, ir-riorrent li ma jkun, huwa nnifsu, parti fil-kuntratt ta' konsumatur inkwistjoni ma jistax jibbenefika minn dan il-forum. Dan jgħod ukoll fir-rigward ta' konsumatur li lili jiġu ttrasferiti drittijiet ta' konsumaturi oħra.

TFAKKIRA: Ir-rinvju għal-deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qratil tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax it-tilwima fil-kawża prinċipali. Hija l-qorti nazzjonali li tiddeċċiedi l-kawża konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Bi-istess mod, din id-deċiżjoni torbot lill-qratil nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test shiħi tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għotxi tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106